**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 159/13VG**

**xxx**

**Vs**

**Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 18 ta' Frar 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXX fil-25 ta' Settembru 2013 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal, prevja kull dikjarazzjoni necessarja w opportuna, ihassar u jirrevoka l-istimi mahruga kontra taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01.04.06-31.03.07, 01.04.07-31.12.07, 01.04.08-31.03.09 u 01.04.09-31.03.10 jew alternattivament jirriforma l-imsemmija stimi billi jnaqqas l-ammonti ta' taxxa addizzjonali, taxxa amministrattiva w imghaxijiet reklamati mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), b'dak l-ammont li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi, bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 5 sa' 20 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) in linea preliminari, l-appell huwa irritu u null in kwantu tardiv; (ii) fil-kaz in ezami ghandu japplika dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà Rikorrenti, huwa ressaq ragunijiet bizzejjed ghaliex l-istimi kontestati gew ikkonfermati; u (iv) fil-meritu, l-aggravji fuq liema s-socjetà Rikorrenti tibbaza l-appell taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "F1" a fol. 29 sa' 52 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2014[1], fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) dwar it-tardività ta' l-appell tas-socjetà Rikorrenti, it-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi u ddikjara li se tinghata sentenza dwar din l-eccezzjoni preliminari qabel ma jigi trattat il-meritu ta' dan l-appell;

Sema' x-xhieda ta' Charles Dimech[2] u ta' Martin Buttigieg[3] moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2014, ix-xhieda ta' Albert Galea moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2014[4] u x-xhieda ta' Liliana Gauci moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnha a fol. 76 sa' 79 tal-process, sema' x-xhieda ta' Marc Aquilina moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju 2014[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MA1" u Dok. "MA2" a fol. 84 sa' 87 tal-process u sema' x-xhieda ta' Veronica Cefai moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2014[7];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 101 sa' 108 tal-process u n-Nota ta' Osservazzjonijiet tas-socjetà Rikorrenti a fol. 113 sa' 124 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta stimi mahruga kontra taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01.04.06-31.03.07, 01.04.07-31.12.07, 01.04.08-31.03.09 u 01.04.09-31.03.10 u titlob li l-istess jigu kkancellati u revokati jew alternattivament imnaqqsa b'dak l-ammont li t-Tribunal jidhirlu xieraq. Hija tibbaza l-appell taghha mill-imsemmija stimi fuq is-segwenti aggravji: (i) ghadha sa' llum ma tafx x'kienu l-motivi wara l-proposti li kienu saru lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) mit-Tax Compliance Unit a bazi ta' liema nhargu l-istimi provvizorji w in segwitu l-istimi finali fil-konfront taghha, u ghalhekk kienet u ghadha fl-impossibilità li tirribatti ghall-istess motivi; (ii) id-dikjarazzjonijiet li saru fid-denunzji tat-taxxa taghha huma veri u precizi u jirriflettu t-transazzjonijiet kollha relattivi ghall-perijodi in kwistjoni u ghalhekk ma hemmx ragunijiet validi fil-Ligi ghall-imposizzjoni ta' taxxa ulterjuri, taxxa amminsitrattiva w imghaxijiet kif invece imposti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fl-istimi kontestati; u (iii) l-istimi meritu ta' l-appell huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (i) in linea preliminari, l-appell huwa irritu u null in kwantu tardiv; (ii) fil-kaz in ezami ghandu japplika dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà Rikorrenti, huwa ressaq ragunijiet bizzejjed ghaliex l-istimi

[1] Fol. 62 tal-process.
[2] Fol. 64 u 65 tal-process
[3] Fol. 66 sa' 68 tal-process.
[4] Fol. 70 sa' 74 tal-process.
[5] Fol. 80 sa' 82 tal-process.
[6] Fol. 88 sa' 93 tal-process.
[7] Fol. 95 sa' 98 tal-process.

kontestati gew ikkonfermati; u (iv) fil-meritu, l-aggravji fuq liema s-socjetà Rikorrenti tibbaza l-appell taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fid-dawl ta' l-eccezzjoni perliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) dwar l-irritwalità u nullità ta' l-appell tas-socjetà Rikorrenti in kwantu tardiv, huwa opportun u xieraq li tali eccezzjoni tigi trattata u determinata qabel ma jigi trattat il-meritu ta' l-appell in ezami. In effetti l-provi u sottomissjonijiet s'issa prodotti w avvanzati mill-partijiet kontendenti jittrattaw biss din l-eccezzjoni preliminari u din id-decizjoni qed tinghata limitatament ghal tali eccezzjoni.

A tenur ta' l-Artikolu 2(1)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, appell minn stima mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, ghandu jigi intavolat f*i zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell*. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Charles Dimech u Martin Buttigieg, hallew *envelope,* liema *envelope* rrizulta li kien fih l-istimi kontestati b'dawn il-proceduri, fuq l-*front office desk* ta' l-ufficcju registrat tas-socjetà Rikorrenti fit-**23 ta' Awwissu 2013**. Ir-Rikors ta' l-appell in ezami gie pprezentat fil-**25 ta' Settembru 2013**, ossia jumejn wara l-iskadenza tat-terminu ta' tletin jum mit-23 ta' Awwissu 2013. Bhala fatt tletin gurnata mit-23 ta' Awwissu 2013 ghalqu fit-22 ta' Settembru 2013, li però essendo l-Hadd jfisser li t-terminu f'dan il-kaz effettivament skada t-Tnejn 23 ta' Settembru 2013, u cioè jumejn qabel ma gie intavolat l-appell in ezami.

Meta wiehed ihares lejn il-fatti esposti b'dan il-mod jista' jidher illi kif eccepit mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01.04.06-31.03.07, 01.04.07-31.12.07, 01.04.08-31.03.09 u 01.04.09-31.03.10 huwa tardiv u b'hekk irritu u null, izda jekk il-fatti tal-kaz jigu kkunsidrati sew jirrizulta li l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-imsemmija stimi ma huwiex tardiv u konsegwentement ma huwiex irritu u null.

Ghalkemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi, già Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jishaq illi l-appell huwa tardiv ghaliex *ma hemmx dubju illi l-esponenti Kummissarju kien <u>innotifika</u>[8] lill-appellanti **fl-indirizz postali taghha**[9] bl-istejjem tat-taxxa fit-23 ta' Awissu 2013. Illi l-esponenti jsib konfort ghal dak li jirrigwarda l-validità tan-notifika ta' l-istejjem minn dak li jghid is-subartikolu (3) tal-artikolu 73 tal-Kap.406. Illi dan is-subartikolu jitkellem dwar tqassim u notifiki ta' avvizi. Testwalment ighid: Ghall-ghanijiet tas-subartikolu (2) avviz jitqies li jkun gie indirizzat sew jekk dan ikun gie indirizzat fin-negozju jew fl-indirizz privat ta' persuna, u indirizz moghti minn persuna lill-Kummissarju ghandu jitqies bhala l-indirizz ta' dik il-persuna kemm-il darba u sakemm ma jinghatax avviz ta' bdil ta' indirizz minn dik il-persuna lill-Kummissarju,* il-kwistjoni centrali f'dan il-kaz ma hijiex dwar jekk l-istimi gewx indirizzati sew, ossia gewx indirizzati fl-ufficcju registrat tas-socjetà Rikorrenti o meno, izda hija dwar jekk il-mod kif l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghazlu li jikkonsenjaw l-*envelope* in kwistjoni jikkostitwixxix notifika valida o meno ai termini tal-Ligi.

[8] Sottolinear tal-Kummissarju tat-Taxxi.
[9] Enfasi tal-Kummissarju tat-Taxxi.

In effetti f'dan il-kaz il-kwistjoni dwar jekk l-*envelope* in kwistjoni giex indirizzat sew o meno ftit li xejn ghandha rilevanza ghaliex f'dan il-kaz il-konsenja ma saritx bil-procedura tal-posta – ghal liema procedura se mai japplika dak dispost fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 73 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – imma saret bil-konsenja jew ghall-inqas tentattiv ta' konsenja personali lit-*taxpayer* tramite l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. F'tali kaz se mai ghandu japplika dak provdut fl-Artikolu 187(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi: *fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura: (a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew (b) f'idejn xi hadd mill-persuni imsemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).* Il-persuni imsemmija fl-Artikolu 181A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta huma: il-persuna/i li ghandha r-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp, is-segretarju tal-kumpannija jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tirrapprezentah.

Mill-atti jirrizulta li ma huwiex kontestat li l-ufficcju registrat tas-socjetà Rikorrenti XXX, ossia l-post fejn l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hallew l-*enevlope* li fih irrizulta li kien hemm l-istimi hawn kontestati. Jirrizulta però li dak l-*envelope* thalla fl-imsemmi indirizz ma' persuna li mhux talli tikkontendi li ma hijiex impjegata mas-socjetà Rikorrenti talli tikkontendi wkoll li ma kellhiex l-awtorizzazzjoni li tircievi posta indirizzata lil Marc Aquilina, id-Direttur tas-socjetà Rikorrenti, fl-assenza tieghu minn dawn il-gzejjer tant illi rrifjutat li taccetta n-notifika ta' l-istess *envelope*.

Mix-xhieda ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[10] u mid-dokument esebit minn Liliana Gauci a fol. 77 sa' 79 tal-process, jirrizulta li meta fit-23 ta' Awwissu 2013 marru biex jikkonsenjaw *envelope* mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lil Marc Aquilina *qua* Direttur tas-socjetà Rikorrenti, il-persuna li kien hemm fl-ufficcju XXX, skonthom Veronica Camarata – izda in segwitu rrizulta li jisimha Veronica Cefai - infurmathom li ma kenitx se taccetta l-konsenja ta' dak l-*envelope* ghaliex kellha struzzjonijiet specifici minghand Marc Aquilina li fl-assenza tieghu mill-Gzejjer hija ma kellhiex taccetta posta regsitrata f'ismu. In effetti l-istess Veronica Cefai ma ffirmatx l-Advice of Receipt – Registered Mail ghan-nom ta' l-*addressee*. Rinfaccjati b'din is-sitwazzjoni l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud iddecidew li jhallu dak l-*envelope* fuq il-bank tal-*front office desk* u konsegwentement id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ha d-data tat-23 ta' Awwissu 2013 bhala id-data tan-notifika ta' l-istimi in kwistjoni lis-socjetà Rikorrenti.

It-Tribunal f'dan il-kaz partikolari mhux se jidhol fil-kwistjoni dwar jekk Veronica Cefai kenitx o meno persuna idoneja biex tircievi posta indirizzata lis-socjetà Rikorrenti fid-dawl ta' dak issa affermat minnha u minn Marc Aquilina li ma hijiex impjegata tas-socjetà Rikorrenti izda impjegata tas-socjetà Rainbox Mix Concrete Limited[11], u dana billi l-iktar element importanti f'dan il-kaz hu li Veronica Cefai

[10] Xhieda moghtija minn Charles Dimech u Martin Buttigieg waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2014, fol. 64 sa' 68 tal-process.
[11] Xhieda moghtija minn Marc Aquilina waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju 2014 a fol. 88 sa' 93 tal-process u xhieda moghtija minn Veronica Cefai waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2014 a fol. 95 sa' 98 tal-process.

**rrifjutat** il-konsenja ta' l-*envelope* tant illi, jigi ribadit, ma ffirmatx l-*Advice of Receipt-Registered Mail* (AR Card) ghan-nom ta' l-*addressee*.

Mill-Ligi procedurali nostrali, ossia mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li, kif già diversi drabi osservat mit-Tribunal, l-provvedimenti ta' liema ghandhom japplikaw anke ghall-appelli bhal dak in ezami meta l-Ligi specjali (f'dan il-kaz il-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli qabel l-emenda introdotta bl-Att XII ta' l-2014) hija siekta fuq xi punt ta' procedura partikolari, jirrizulta ferm car li r-rifjut ta' notifika qatt ma jista' jitqies b'mod awtomatiku li jikkostitwixxi notifika valida ai termini tal-Ligi. It-tieni *proviso* ta' l-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li: *izda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficjal ezekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-ufficjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra c-cirkostanzi kollha ta' l-incident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u il-hin tar-rifjut u tali digriet ghandu jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

Mill-gurisprudenza in materja imbaghad jirrizulta li din il-procedura partikolari tista' tintuza biss meta r-rifjut ikun da parte tal-persuna lil min effettivament ikun indirizzat l-att li tieghu qed issir in-notifika. Ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **E. Calleja & Sons Limited v. Easy Buy Limited, Citaz. Nru. 2252/98,** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2001, gie osservat illi *meta fit-12 ta' Novembru 1998 il-Marixxal Joseph Borg mar biex jinnotifika lis-socjetà konvenuta fl-indirizz lilu moghti f'The Strand il-Gzira, huwa sab lil certu Carlo Stivala li rrifjuta li jaccetta l-istess att. Illi konsegwentement is-socjetà attrici intavolat rikors fejn wara li rrilevat illi skond il-ligi att rifjutat ghandu jitqies li huwa pozittiv u notifikat, talbet lill-Qorti taghti l-provvedimenti opportuni. Il-Qorti però tirrileva illi dan japplika biss f'kaz li l-att jigi rifjutat minn dik il-persuna li lilha jkun indirizzat l-istess att [ara proviso art. 187(1)] u mhux kif gara fil-kaz odjern.*

Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta li meta persuna tirrifjuta li taccetta notifika, salv ghal dak provdut fit-tieni *proviso* ta' l-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-gurisprudenza in materja, il-'konsenja' ta' l-att/avviz nonostante tali rifjut ma tistax tikkostitwixxi notifika valida ai termini tal-Ligi. Fid-dawl ta' dan ghalhekk, dakinhar tat-23 ta' Awwissu 2013, rinfaccjati bir-rifjut ta' Veronica Cefai li taccetta l-*envelope* indirizzat lil Marc Aquilina *qua* Direttur tas-socjetà Rikorrenti, l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma messhomx hallew dak l-*envelope* fuq il-bank tal-*front office desk* ta' l-ufficcju fejn marru w id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma messux u bhala fatt ma jistax jikkonsidra dak li ghamlu l-Ispetturi tad-Dipartiment fl-imsemmija data bhala notifika valida ta' l-istimi mahruga kontra is-socjetà Rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak eccepit mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01.04.06-31.03.07, 01.04.07-31.12.07, 01.04.08-31.03.09 u 01.04.09-31.03.10 ma huwiex tardiv u konsegwentement ma huwiex irritu u null.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u jiddikjara li l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghha ghall-perijodi ta'

taxxa 01.04.06-31.03.07, 01.04.07-31.12.07, 01.04.08-31.03.09 u 01.04.09-31.03.10 ma huwiex tardiv u konsegwentement ma huwiex irritu u null.

Id-decizjoni dwar l-ispejjez relattivi ghal din l-istanza tittiehed fid-decizjoni finali dwar il-meritu.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**